MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 609/2005

Rodel Limited
vs
Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-10 ta' Awissu 2005 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tas-socjeta` JET S.p.A.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta kienet debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf mija sitta u ghoxrin EURO u sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) (skond dokumenti ittri : A1; B1 u B2; C1 sa C3; D1 u D2 u rendikont immarkati bhala dokument ittra E) rapprezentanti kummissjoni dovuta lis-

socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta fuq diversi bejgh ta' pompi u spare parts varji maghmula mis-socjeta` konvenuta lil Water Services Corporation u l-Malta Desalination Services Limited (ara dokumenti A2 sa A4; B3 u B4; C4 u C5; C7 sa C12; D3 u D4) liema bejgh kien sar bl-opera u bl-intervent tas-socjeta` attrici;

Illi l-ammont ta' kummissjoni dovut lis-socjeta` attrici kien gie ammess li kien dovut u li kellu jithallas mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici kif kien jidher minn korrispondenza mibghuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici (ara dokumenti A5; B5; C6; u D5, inkluz document F) liema korrispondenza kienet tirreferi ghall-bejgh ta' diversi oggetti indikati aktar il-fuq fuq id-dokumenti A2 sa A4; B3 u B4; C4 u C5; C7 sa C12; D3 u D4 rispettivament;

Illi dan l-ammont ta'erbatax il-elf mija sitta u ghoxrin EURO sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata ta' dan l-att ta' citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija ("l-ammont dovut") kien cert, likwidu u skadut u sa fejn kienet taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kellha ebda difiza valida kontra t-talba taghha ghall-hlas tal-ammont dovut u dan kif kien jidher mill-affidavit ta' Dr Norman Vella anness mac-citazzjoni mmarkat bhala dokument ittra "X";

Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut, hija kienet baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza (ara wkoll Dok G);

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u dan bid-dispensa ghas-smiegh tax-xhieda ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-ammont ta' erbatax-il elf mija sitta u ghoxrin EURO sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal--

kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni) ghal cirka sitt clef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta attrici huwa debitu cert likwidu u skadut;

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbatax-il elf mija sitta u ghoxrin EURO sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) dovuti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija;

bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura tas-socjeta` attrici sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha inkluz ta' dawn l-atti, tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra tas-socjeta` konvenuta u tal-atti gudizzjarji kollha sussegwenti kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li eccepew:

Illi s-socjeta` estera Jet Spa kienet cahdet li l-ammont mitlub mis-socjeta` kien dovut stante li sal-lum l-istess socjeta` attrici ma kenitx ghamlet it-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u meta l-konvenuti nomine kienu kkomunikaw mas-socjeta` Rodel Spa Limited huma kienu gew infurmati permezz ta' ittra datata 5 ta' Ottubru 2005 li huma ma kienux qed jifhmu fhiex kienet tikkonsisti t-talba ghall-hlas li kienet qed taghmel is-socjeta` attrici stante li sa dak in-nhar ma kenitx saret talba ghall-hlas mitlub.

Illi ghaldaqstant is-socjeta` attrici kellha ggib il-prova li l-ammont mitlub kien effettivament dovut.

Illi anke kemm-il darba kien jigi ppruvat li l-ammont mitlub huwa dovut, it-talba attrici kienet intempestiva u cartament is-socjeta` konvenuta ma kellhiex tehel l-ispejjes tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet kemm-il darba l-kuraturi deputati jigu edotti b'aktar fatti rigwardanti l-mertu tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tal-10 ta' Novembru 2005 li bih il-kuraturi deputati inghataw il-fakulta` li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet, ghalkemm kienet saret it-talba mis-socjeta` attrici ai termini tal-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Norman Vella ghan-nom tas-socjeta` attrici li fiha ssemma li s-socjeta` konvenuta kienet debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf mija sitta u ghoxrin EURO u sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) rapprezentanti kummissjoni dovuta lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta fuq diversi bejgh ta' pompi u spare parts varji maghmula mis-socjeta` konvenuta lil Water Services Corporation u l-Malta Desalination Services Limited liema bejgh kien sar bl-opera u bl-intervent tas-socjeta` attrici. Illi l-ammont ta' kummissjoni dovut lis-socjeta` attrici kien gie ammess li kien dovut u li kellu jithallas mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici kif kien jidher minn korrispondenza mibghuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici liema korrispondenza kienet

tirreferi ghall-bejgh ta' diversi oggetti indikati aktar il-fuq fuq id-dokumenti A2 sa A4; B3 u B4; C4 u C5; C7 sa C12; D3 u D4 rispettivament. Illi dan l-ammont ta'erbatax il-elf mija sitta u ghoxrin EURO sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata ta' dan l-att ta' citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija ("l-ammont dovut") kien cert, likwidu u skadut u sa fejn kienet taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kellha ebda difiza valida kontra t-talba taghha ghall-hlas tal-ammont dovut u dan kif kien jidher mill-affidavit ta' Dr Norman Vella anness mac-citazzjoni mmarkat bhala dokument ittra "X". Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut, hija kienet baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Gie prezentat affidavit ta' Norman Vella li fih issemma li s-socjeta` konvenuta kienet debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf mija sitta u ghoxrin EURO u sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) rapprezentanti kummissjoni dovuta lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta fuq diversi bejgh ta' pompi u spare parts varji maghmula mis-socjeta` konvenuta lil Water Services Corporation u l-Malta Desalination Services Limited liema bejgh kien sar bl-opera u bl-intervent tas-socjeta` attrici. Illi l-ammont ta' kummissjoni dovut lis-socjeta` attrici kien gie ammess li kien dovut u li kellu jithallas mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici kif kien jidher minn korrispondenza mibghuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici liema korrispondenza kienet tirreferi ghall-bejgh ta' diversi oggetti indikati aktar il-fuq fuq id-dokumenti A2 sa A4; B3 u B4; C4 u C5; C7 sa C12; D3 u D4 rispettivament. Illi dan l-ammont ta'erbatax il-elf mija sitta u ghoxrin EURO sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata ta' dan l-att ta' citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) dovut mis-socjeta`

konvenuta lis-socjeta` attrici ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija (“l-ammont dovut”) kien cert, likwidu u skadut u sa fejn kienet taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kellha ebda difiza valida kontra t-talba taghha ghall-hlas tal-ammont dovut u dan kif kien jidher mill-affidavit ta’ Dr Norman Vella anness mac-citazzjoni mmarkat bhala dokument ittra “X”. Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut, hija kienet baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Semghet bil-gurament lil Norman Vella Direttur tal-kumpanija Rodel li kienet ilha taghmel negozju mal-kumpanija Jet S.p.A. dawn l-ahhar sentejn jew tlieta. L-involviment li kien hemm mal-kumpanija Jet Spa kienet ta’ rapprezentanza kontinwa u regolari. Ix-xoghol principali kien ta’ korrispondenza bejn il-kumpanija u l-partijiet koncernati. Meta kien ikun hemm xi queries kienu jiehdu hsiebhom ukoll u jghadduhomlhom u kienu jiehdu hsieb ukoll l-interessi ta’ Jet S.p.A. Qal li huma kienu jkopru kollox fir-rigward ta’ affarijiet amministrattivi izda ma kienux jidhlu f’affarijiet teknici. L-ammont pretiz huwa Eur14126.67. Qal li l-ammont ta’ Eur1969.93 kienu ghadhom mhux dovuti fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u ghalhekk l-mmont totali dovut huwa ta’ Eur16,960.60. Fl-ebda stadju tal-procedimenti ma kien hemm dubju fir-rigward tal-kummissjoni dovuta lil Rodel Limited minn Jet S.p.A. Qabel dawn it-tranzazzjonijiet kienu saru tranzazzjonijiet ohra bejn iz-zewg kumpaniji. Rodel Limited kienet hadet il-kummissjoni taghha u ghalhekk dawn ma jidhrux fl-istatements ghax gew settled. Kien biss fir-rigward tad-dokumenti esebiti li Rodel Limited ma gietx imhallsa.

Ghal Rodel Limited kien jidher ix-xhud u l-mara tieghu Marisa LaRosa de Cristofaro u ghal Jet S.p.A. kienet tidher Rita Cagossi u l-Ingineer Francia u gieli certu Signor Soggia. Gieli kkorrispondew anke ma’ Signor Masselli, ghalkemm dan ma kienx jirrispondi hu. Is-Signo Masselli kien id-direttur tal-kumpanija. Imbaghad saru jafu li r-raguni ghaliex ahna ma kienux qed jithallsu aktar

tal-kummissjonijiet kien minhabba li Jet S.p.A. kellha problemi ta’ likwidita`.

Qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna qatt ma kien hemm ilmenti min-naha tal-kumpanija Jet S.P.A. fir-rigward tax-xoghol tas-socjeta` attrici. Huma kienu qed jistennew li jircievu ittra ta’ spjegazzjoni minghand Signor Soggia jew Masselli izda din ma waslet qatt. Huma xorta baqghu jikkorispondu ma’ Rita Cagossi. Il-komunikazzjoni li kien hemm fil-pendenza ta’ dawn il-proceduri Jet S.p.A. ma kenitx fuq il-flejjes pendenti li kellhom jiehdu izda kienet fuq ix-xoghol. Zied jghid li wara li giet istitwita din il-kawza kien hemm korrispondenza minn Jet S.p.A. li tghid li s-Signor Masselli kien lest jigi Malta biex jitkellmu u kienet giet suggerita data minn Marisa La Rosa. Sussegwentement kien gie Malta Sergio Sgargi sales representative ta’ Jet S.p.A flok is-Signor Masselli, u mieghu kien gie wkoll l-ingineer ta’ Jet S.p.A. li kien Mauro Montagna.

Dan mhux l-ewwel darba li kien gie Malta ghax meta kien hemm xi diffikultajiet min-naha tal-Water Services jew min-naha tal-kumpanija M.D.S. gieli gie biex isolvihom hu. Dawn kienu taw ragun lix-xhud u kienu ssuggerew x’jista’ jsir biex Rodel Limited tithallas minghajr ma jithallsu l-ispejjez legali. Ix-xhud fil-prezenza ta’ Marisa la Rosa li anke minhabba d-dewmien fir-rigward tal-hlas ma kienx lest li jhallas l-ispejjez legali u ssuggerixxa li jiltaqghu fil-prezenza tal-konsulent legali tas-socjeta` attrici. Hu kien tkellem ma’ Signor Sgargi u qallu li ma kellu xejn xi jzid.

Semghet bil-gurament lil Marisa La Rosa li kkonfermat ix-xhieda Ta’ Norman Vella. Ziedet li meta kienu qed jaqblu biex jiltaqghu mal-barranin hawn Malta hi qaltilhom biex ihallsu kollox kif ukoll l-ispejjez legali u huma min-naha taghhom qatt ma kienu nnegaw jew qalu li ma riedux ihallsu l-ispejjez legali. Kien biss meta gew Malta li kienu qalu li ma riedux ihallsu l-ispejjez legali, u din kienet offerta ta’ ***take it or leave it***.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati li fiha ssemma li s-socjeta` estera Jet Spa kienet cahdet li l-ammont mitlub

mis-socjeta` kien dovut stante li sal-lum l-istess socjeta` attrici ma kenitx ghamlet it-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u meta l-konvenuti nomine kienu kkomunikaw mas-socjeta` Rodel Spa Limited huma kienu gew infurmati permezz ta' ittra datata 5 ta' Ottubru 2005 li huma ma kienux qed jifhmu fhiex kienet tikkonsisti t-talba ghall-hlas li kienet qed taghmel is-socjeta` attrici stante li sa dak in-nhar ma kenitx saret talba ghall-hlas mitlub. Is-socjeta` attrici kellha ggib il-prova li l-ammont mitlub kien effettivament dovut. Illi anke kemm-il darba kien jigi ppruvat li l-ammont mitlub huwa dovut, it-talba attrici kienet intempestiva u cartament is-socjeta` konvenuta ma kellhiex tehel l-ispejjes tal-kawza.

Semghet bil-gurament lil Dr. Beppe Fenech Adami li qal li fis-27 ta' Settembru 2005 baghat ittra fiz-zewg indirizzi li nghata mill-konsulent legali tas-socjeta` attrici u nfurmahom dwar xiex kienet tikkonsisti l-kawza u talabhom biex immedjatament jinfurmawh x'inhi l-pozizzjoni taghhom, jekk ghandhomx xi kontestazzjoni ghall-ammont mitlub u x'inhuma dawn il-kontestazzjonijiet. Kien ircieva e-mail datata 5 ta' Ottubru 2005 minghand Pier Angelo Masselli li qallu "***frankly speaking we do not understand about what you are speaking. If the company you are speaking about claims credit from us please inform this company to get in touch with us because up to day we have received no letter asking for payment and we have no information about it.***" Kien kellem lill-avukat tas-socjeta` attrici li dawn qed jghidu li anqas jafu fuq xiex qed jitkellmu, u jekk ikkomunikawx huma maghhom min-naha taghhom. Hu kien rega kiteb fl-14 ta' Ottubru 2005 lil Pier Angelo Masselli u baghatlu wkoll id-dokumentazzjoni kollha li giet prezentata mac-citazzjoni biex jirregola l-pozizzjoni tieghu. Hu baqa' ma rceiva ebda risposta u allura fl-14 ta' Novembru 2005 kitibilhom biex jinfurmawh dwar il-pozizzjoni taghhom u biex jaghmlu dan urgentement. Sa meta xehd kien ghadu ma rcieva ebda komunikazzjoni min-naha taghhom.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Ikkunsidrat li Norman Vella ikkonferma kif is-socjeta` konvenuta kienet debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf mija sitta u ghoxrin EURO u sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba' u disghin centezmi (Lm6062.94) u dan ta' kummissjoni fuq diversi bejgh ta' pompi u spare parts varji maghmula mis-socjeta` konvenuta lil Water Services Corporation u l-Malta Desalination Services Limited, liema kummissjoni dovuta kienet giet ammess. Norman Vella ikkonferma li l-kumpanija Rodel kienet ilha taghmel negozju mal-kumpanija Jet S.p.A. dawn l-ahhar sentejn jew tlieta, u x-xoghol principali kien ta' korrispondenza bejn il-kumpanija u l-partijiet koncernati. Meta kien ikun hemm xi queries kienu jiehdu hsiebhom ukoll u jghadduhomlhom u kienu jiehdu hsieb ukoll l-interessi ta' Jet S.p.A. Qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna qatt ma kien hemm ilmenti min-naha tal-kumpanija Jet S.P.A. fir-rigward tax-xoghol tas-socjeta` attrici.

Huwa veru li s-socjeta` estera Jet Spa kienet cahdet li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici. Dr. Beppe Fenech Adami xehed li fis-27 ta' Settembru 2005 baghat ittra fiz-zewg indirizzi li nghata mill-konsulent legali tas-socjeta` attrici u nfurmahom dwar xiex kienet tikkonsisti l-kawza u talabhom biex immedjatament jinfurmawh x'inhi l-pozizzjoni taghhom. Kien ircieva e-mail datata 5 ta' Ottubru 2005 minghand Pier Angelo Masselli li qallu "***frankly speaking we do not understand about what you are speaking..”*** Kien kellem lill-avukat tas-socjeta` attrici li dawn qed jghidu li anqas jafu fuq xiex qed jitkellmu, u jekk ikkomunikawx huma maghhom min-naha taghhom. Hu kien rega' kiteb fl-14 ta' Ottubru 2005 lil Pier Angelo Masselli u baghatlu wkoll id-dokumentazzjoni kollha li giet prezentata mac-citazzjoni biex jirregola l-pozizzjoni tieghu, izda sa meta xehed kien ghadu ma rcieva ebda komunikazzjoni min-naha taghhom.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi minn dak li rrizulta fil-kawza ma hemm ebda raguni ghaliex dina l-Qorti ghandha tilqa' l-eccezzjonijiet tas-

socjeta` konvenuta. Il-vesti ta’ Dr Fenech Adami hija wahda biss ta’ kuratur u dak li xehed fuqu huwa dak li intqal minn ufficjali tas-socjeta` konvenuta. Hadd mis-socjeta’ konvenuta ma ikkontesta t-talba attrici u hlief li bil-korrispondenza ppruvaw jghidu li ma ghandhomx x’jaqsmu ma ghamlu xejn iehor. Ghalhekk tichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Minn-naha l-ohra t-talba attrici tidher gustifikata, u debitament konfermata.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erbatax-il elf mija sitta u ghoxrin EURO sebgha u sittin Euro cent (E14126.67) ekwivalenti (skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni) ghal cirka sitt elef tnejn u sittin Liri Maltin erba’ u disghin centezmi (Lm6062.94) dovuti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura tas-socjeta` attrici sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluz ta’ dawn l-atti, tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra tas-socjeta` konvenuta u tal-atti gudizzjarji kollha sussegwenti kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------